



Brussell, 31 ta' Jannar 2019  
(OR. en)

5892/19

---

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2019/0030(COD)**

---

**EDUC 39**  
**JEUN 8**  
**SPORT 8**  
**SOC 58**  
**RELEX 69**  
**RECH 65**  
**CADREFIN 50**  
**IA 28**  
**CODEC 251**  
**PREP-BXT 33**

**PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 65 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TALK-KUNSILL li jistipula d-dispożizzjonijiet għat-tkomplija tal-attivitajiet tal-mobbiltà għnat-tagħlim li huma għaddejjin taħt il-programm Erasmus+ fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") mill-Unjoni Ewropea

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 65 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 65 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.1.2019  
COM(2019) 65 final

2019/0030 (COD)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistipula d-dispożizzjonijiet għat-tkomplija tal-attivitajiet tal-mobbiltà għat-tagħlim li huma għaddejjin taħt il-programm Erasmus+ fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (“ir-Renju Unit”) mill-Unjoni Ewropea**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") issottometta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, jekk il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jiġix ratifikat, il-liġi primarja u sekondarja tal-Unjoni se tieqaf tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019 ("id-data tal-ħruġ"). Ir-Renju Unit imbagħad isir pajjiż terz.

Fit-13 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50) tenna t-talba tiegħu biex tīgħi intensifikata l-ħidma ta' tħejjija fil-livelli kollha dwar il-konseguenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit, filwaqt li jitqiesu l-eżiġi possibbli kollha. Dan l-att huwa parti minn pakkett ta' miżuri li qed tadotta l-Kummissjoni bħala reazzjoni għal din it-talba.

Il-programm Erasmus+ huwa inizjattiva ewlenija tal-UE, probabbilment wieħed mill-aktar programmi ta' suċċess tal-Unjoni Ewropea. Minn mindu beda 30 sena ilu, aktar minn disa' miljuni żgħażagħ Ewropej setgħu jgħix Esperienza ta' mobbiltà għat-tagħlim barra minn pajjiżhom. Ħoloq ġenerazzjoni sħiħa ta' nies li jidher idher ruħhom mal-Ewropa. Ġenerazzjoni ta' nies b'moħħhom miftuħ, kunfidenti u b'setgħa, li jikkondividu l-valuri komuni tal-Ewropa u li qed jikkontribwixxu għall-bini tal-bażi tal-għarfien u tar-reżiljenza tal-ekonomija u tas-soċjetà tal-Ewropa.

Erasmus+ qed jappoġġa azzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport. Jgħin lill-pajjiżi Ewropej biex jimmodernizzaw u jtejbu s-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ tagħhom kif ukoll il-politiki dwar iż-żgħażagħ u l-isport tagħhom, filwaqt li jsaħħħah ir-riwol tagħhom bħala motivaturi għat-tkabbir, l-impieg, il-kompetittività, l-innovazzjoni u l-koeżjoni soċjali. Kull sena, il-programm jipprovd opportunity lil kważi 800 000 ruħ biex jibbenefikaw mit-tagħlim jew mit-taħriġ barra minn pajjiżhom. L-attivitajiet tal-mobbiltà jistgħu jdumu sa 12-il xahar.

Il-programm huwa strument ewljeni għall-ħidma lejn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025, fejn iż-żgħażagħ jirċievu l-aħjar edukazzjoni u taħriġ, fejn it-tagħlim, l-istudju u r-riċerka ma jiġux imfixkla mill-fruntieri u fejn li tqatta' ż-żmien fi Stat Membru ieħor - biex tistudja, biex titħalllem, jew biex taħdem - saret xi ħaġa normali. In-nies fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni għandhom sens qawwi tal-identità tagħhom bħala Ewropej, tal-wirt kulturali Ewropew u d-diversità tiegħu.

Meta r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq joħroġ mill-Unjoni Ewropea, se jkun hemm kważi 14 000 persuna li qed titgħallem mill-EU-27 (studenti u trainees fl-edukazzjoni għolja u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonal, studenti żgħażagħ, persunal edukattiv) fir-Renju Unit, u madwar 7 000 persuna li qed titgħallem mir-Renju Unit fl-EU-27.

Jekk il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jiġix ratifikat, il-parteċipanti attwali fl-Erasmus+ tal-EU-27 u tar-Renju Unit se jkollhom jinterrompu l-attivitajiet tagħhom tal-mobbiltà għat-tagħlim. Bosta studenti se jitilfu l-krediti akkademiċi tagħhom u forsi jkollhom jirrepetu s-semestru jew issena akademika tagħhom. Dan se jkun impatt ta' tfixx kien sinifikanti għall-istudenti nnifishom kif ukoll għall-istituzzjonijiet li jibagħtu lill-istudenti u dawk li jospitawhom.

Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi miżuri ta' kontinġenza biex jiġi evitat it-tfixx tal-attivitajiet tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-Erasmus+ li jinvolu lir-Renju Unit meta dan tal-aħħar joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Dawn il-miżuri se jiġu applikati lill-attivitajiet tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-Erasmus+ li huma għaddejjin u li jkunu bdew qabel id-data li fiha t-Trattati jieq fu japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta timmira lejn it-tkomplija tal-programmi eżistenti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ mal-mandat tal-Kunsill għan-negozjati mar-Renju Unit dwar il-ħruġ tiegħu mill-Unjoni.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikoli 165 u 166 tat-TFUE

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-att propost għandu l-ġħan li jiżgura t-tkomplija parżjali tal-programm Erasmus+, li huwa rregolat mir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 kif emendat bir-Regolament (UE) 2018/1475. Il-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà ta' dan il-programm digħi għiet eżaminata fil-mument tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta titqies proporzjonata minħabba li tipprevedi l-bidla legali meħtieġa u fl-istess ħin ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tinkiseb it-tkomplija ordnata tal-azzjonijiet tal-mobbiltà li huma għaddejjin u li digħi kienu ngħataw fil-qafas tal-programm Erasmus+.

- **Għażla tal-istrument**

Minħabba li l-att jibni fuq ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013, l-unika forma adegwata hija l-proposta ta' Regolament.

Minħabba l-fatt li dan ir-Regolament - li se jidħol fis-seħħi l-ġħada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea* - se jaapplika biss jekk ftehim dwar il-ħruġ konkuż mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma jkunx daħal fis-seħħi sad-data ta' meta t-Trattati jieq fu jaapplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit, l-att *ad hoc* propost huwa aktar xieraq minn Regolament fil-forma ta' att emendantorju.

## **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TALK-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza għat-thejjja tal-proposta, sabiex il-koleġiżlaturi jkunu jistgħu jadottawha fil-ħin, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura tal-miżura proposta, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt, f'konformità mal-Linji Gwida dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar. Ma hemm disponibbli l-ebda opzjoni oħra ta' politika materjalment differenti. Il-miżura prevista tirrappreżenta l-unika opzjoni ta' politika vijabbli biex tiżgura t-tkomplija ordnata tal-aktivitajiet tal-mobbiltà għat-tagħlim li huma għaddejjin u li jinvolvu lir-Renju Unit fil-qafas tal-programm Erasmus+, wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

## **4. IMPLIKAZZJONI BAĞITITARJA**

Jekk il-Ftehim dwar il-ħruġ ma jixx ratifikat, din il-proposta għandha l-ġħan li tiżgura t-tkomplija tal-aktivitajiet tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-Erasmus+ li huma għaddejjin u li

jinvolu lir-Renju Unit, mingħajr ma jiġu modifikati l-ammonti allokati lilhom u l-finanzjament tagħhom.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**Li jistipula d-dispożizzjonijiet għat-tkomplija tal-attivitàjiet tal-mobbiltà għat-tagħlim li huma għaddejjin taħt il-programm Erasmus+ fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (“ir-Renju Unit”) mill-Unjoni Ewropea**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165(4) u 166(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit issottometta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati se jieqfu jaapplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ jew jekk dan ma jintlaħaqx, sentejn wara dik in-notifika, jiġifieri mit-30 ta' Marzu 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jiddeċiedi b'mod unanimu li jestendi dak il-perjodu.
- (2) Il-ħruġ iseħħ matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 tal-programm Erasmus+ li fih qed jipparteċipa r-Renju Unit.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> jirregola l-programm Erasmus+. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistipula r-regoli biex ikunu jistgħu jitkomplew l-impenji legali li digħi ttieħdu fir-rigward tal-attivitàjiet tal-mobbiltà għat-tagħlim li huma għaddejjin u li jinvolvu lir-Renju Unit, wara l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013.
- (4) Mid-data li fiha jieqfu jaapplikaw it-Trattati, ir-Renju Unit jieqaf ikun parti mill-“parti taż-żona tal-programm marbuta mal-Unjoni” skont it-tifsira tal-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013. Sabiex jiġi evitat li l-parteċipanti attwali tal-Erasmus+ ikollhom jinterrompu l-attivitàjiet tagħhom tal-mobbiltà għat-tagħlim li huma għaddejjin, jenħtieġ li jiġu adattati r-regoli dwar l-el-ġibbiltà tal-attivitàjiet tal-mobbiltà għat-tagħlim li huma għaddejjin taħt il-programm l-Erasmus+.

<sup>1</sup> [...]

<sup>2</sup> [...]

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi ‘Erasmus+’: il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħrif, żgħażaq u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

- (5) Għall-finijiet tat-tkomplija tal-finanzjament tal-attivitajiet tal-mobbiltà għat-tagħlim li huma għaddejjin mill-baġit tal-Unjoni, il-Kummissjoni u r-Renju Unit jenħtieġ li jiftieħmu biex jippermettu l-eżerċizzju tal-kontrolli u tal-awditjar tal-attivitajiet rispettivi. Jekk ma jkunux jistgħu jitwettqu l-kontrolli u l-awditjar meħtieġa, dan jenħtieġ li jitqies bħala defiċjenza serja fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll.
- (6) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza u jenħtieġ li japplika mid-data wara dik li fiha jieqfu japplikaw it-Trattati għar-Renju Unit u fir-Renju Unit sakemm ma jkunx dāħal fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit sa dik id-data.

**ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:**

*Artikolu 1*  
***Suġġett u kamp ta' applikazzjoni***

Dan ir-Regolament jistipula d-dispożizzjonijiet għat-tkomplija tal-attivitajiet tal-mobbiltà għat-tagħlim imsemmija fl-Artikoli 7 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 li bdew l-aktar tard fid-data li fiha jieqfu japplikaw it-Trattati għar-Renju Unit u fir-Renju Unit.

*Artikolu 2*  
***Eliġibbiltà***

1. L-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1, li jitwettqu fir-Renju Unit jew li jinvolvu l-entitajiet jew il-parteċipanti mir-Renju Unit għandhom ikomplu jkunu eliġibbli.
2. Għall-iskop tal-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 u l-atti li jimplimentaw dak ir-Regolament meħtieġa biex jagħtu effett lill-paragrafu 1, ir-Renju Unit għandu jiġi trattat bħala Stat Membru, soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, ir-rappreżentanti tar-Renju Unit ma għandhomx jipparteċipaw fil-kumitat imsemmi fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013.

*Artikolu 3*  
***Kontrolli u awditjar***

L-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kontrolli u l-awditjar tal-attivitajiet tal-mobbiltà għat-tagħlim imsemmijin fl-Artikolu 1 għandhom jiġu miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tar-Renju Unit. Il-kontrolli u l-awditjar għandhom ikopru l-perjodu kollu tal-attivitajiet tal-mobbiltà għat-tagħlim u s-segwitu relata.

Jekk il-kontrolli u l-awditjar tal-programm meħtieġa ma jkunux jistgħu jitwettqu fir-Renju Unit, dan għandu jikkostitwixxi defiċjenza serja fil-konformità mal-obbligi ewlenin fl-implementazzjoni tal-impenn legali bejn il-Kummissjoni u l-aġenzija nazzjonali tar-Renju Unit.

*Artikolu 4*  
***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mid-data wara dik li fiha jieqfu japplikaw it-Trattati għar-Renju Unit u fir-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

### **1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

#### **1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva**

#### **1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)**

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula d-dispożizzjonijiet għat-tkomplija tal-attivitajiet tal-mobbiltà għat-tagħlim li huma għaddejjin taħt il-programm Erasmus+ fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (“ir-Renju Unit”) mill-Unjoni Ewropea.

#### **1.3. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

*1.3.1. Rekwijiet(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluż skeda ta' żmien dettaljata għat-tnejha tal-implementazzjoni tal-inizjattiva*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-ġħada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mid-data wara dik li fiha jieqfu japplikaw it-Trattati għar-Renju Unit u fir-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament ma għandux japplika jekk sa dik id-data jkun daħħal fis-seħħi ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

*1.3.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. qligħ mill-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew komplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li kieku jkun ġie maħluq mill-Istati Membri waħedhom.*

N/A

*1.3.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħodd*

N/A

*1.3.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Dan ir-Regolament huwa kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Ma għandu l-ebda impatt finanzjarju.

*1.3.5. Valutazzjoni tal-opzjonijiet ta' finanzjament differenti disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Dan ir-Regolament ma għandu l-ebda impatt finanzjarju. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi se tiġi ffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

#### **1.4. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

- X l-ebda impatt finanzjarju

## **1.5. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)<sup>4</sup>**

### **Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni**

- –  mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- –  mill-aġenziji eżekuttivi.

### **Ġestjoni kondiċiża mal-Istati Membri**

#### **Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implementazzjoni baġitarja:**

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- lill-korpi tal-liġi pubblika;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implementazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-persuni fdati bl-implementazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iż-żejed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġebok ipprovdni d-dettalji fit-taqṣima "Kummenti".*

Kummenti:

N/A

---

<sup>4</sup> Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinsabu fuq is-sit BudgWeb:  
<https://myintra.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

## **2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

### **2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar**

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

N/A

### **2.2. Sistema/sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll**

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' ħlas u l-istratèġija ta' kontroll proposti*

N/A

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/sistemii ta' kontroll intern stabbilita/stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

N/A

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettivitā tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-ġħeluq)*

N/A

### **2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

N/A

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

**3.1. Intestatura/intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/linji bağıtarjabağıtarji tan-nefqa affettwati**

- Linji bağıtarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji bağıtarji.*

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja bağıtarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
			mill- pajjiżi tal- EFTA <sup>6</sup>	mill-pajjiżi kandidati <sup>7</sup>	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal- Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	Numru	Diff./Mhux diff <sup>5</sup> .	Diff.	LE	LE	LE

<sup>5</sup> Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>6</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>7</sup> Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### **3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta dwar l-appropriazzjonijiet**

#### **3.2.1 Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali**

- Dan ir-Regolament ma għandu l-ebda impatt finanzjarju.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

			2019	2020	2021	2022	2023	Snin sussegwenti	<b>TOTAL</b>
<b><input type="checkbox"/> Kanċellazzjoni tal-appropriazzjonijiet operazzjonali</b>									
	Impenji	(1a)							
	Pagamenti	(2a)							
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet</b>	Impenji	=1a+1b +3							
	Pagamenti	=2a+2b +3							

<b><input type="checkbox"/> TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali</b>	Impenji	(4)							
	Pagamenti	(5)							
<b><input type="checkbox"/> TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi</b>	(6)								

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 13</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6							
	Pagamenti	=5+ 6							

**Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwata iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:**

<input type="checkbox"/> TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)							
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrativa ffinanzjati mill-pakkett għal programmi spċifici (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Pagamenti	(5)							
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	(6)							
	Pagamenti								

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	5	“Nefqa amministrattiva”
--	---	-------------------------

Din it-taqSIMA għandha timtela bl-użu tad-“data baġitarja ta’ natura amministrattiva” li qabel kollox trid tīgħi introdotta fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għal finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	<b>TOTAL</b>
DG: <.....>						
<input type="checkbox"/> Riżorsi umani						
<input type="checkbox"/> Nefqa amministrattiva oħra						
<b>TOTAL TAD-DG &lt;.....&gt;</b>	Approprazzjonijiet					

<b>TOTAL tal-approprazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	(Total tal-imprenji = Total tal-pagamenti)						
---	--	--	--	--	--	--	--

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N*	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	<b>TOTAL</b>
--	---------	-------------	-------------	-------------	--	--------------

<sup>8</sup> Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implementazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi “N” bl-ewwel sena ta’ implementazzjoni mistennija (pereżempju: 2021). L-istess għas-snin sussegwenti.

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji								
	Pagamenti								

### 3.2.2 Output stmat iffinanzjat b'appropriatezzjonijiet operazzjonali

Appropriazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs <input type="checkbox"/>			Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL			
	OUTPUTS										
	Tip <sup>9</sup>	Kost medju	Nru	kost	Nru	kost	Nru	kost	Nru	Kost	Nru totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 <sup>10</sup> ...											
- Output											
- Output											
- Output											
Subtotal tal-objettiv specifiiku Nru 1											

<sup>9</sup> L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu fornuti (pereż: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffīnanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

<sup>10</sup> Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2...														
- Output														
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2														
<b>TOTALI</b>														

**MT**

**MT**

**3.2.3 Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi**

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N <sup>11</sup>	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	<b>TOTAL</b>
--	-------------------------	----------	----------	----------	--	--------------

<b>INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>						
Riżorsi umani						
Nefqa amministrattiva oħra						
<b>Subtotal tal- INTESTATURA 5 tal- qafas finanzjarju pluriennali</b>						

<b>Barra mill- INTESTATURA 5<sup>12</sup> tal- qafas finanzjarju pluriennali</b>						
Riżorsi umani						
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva						
<b>Subtotal barra mill- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>						

<sup>11</sup> Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implementazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi “N” bl-ewwel sena ta’ implementazzjoni mistennija (pereżempju: 2021). L-istess għas-snin sussegamenti.

<sup>12</sup> Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implementazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

TOTAL							
-------	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u ġhal nefqa oħra ta' natura amministrativa se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DG li digħi jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li digħi jkunu ġew riassenjati fid-DG, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DG tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

### 3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)
<input type="checkbox"/> Pożizzonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċċali u aġenti temporanji)					
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċċi tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)					
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)					
XX 01 05 01/11/21 (Riċerka indiretta)					
10 01 05 01/11 (Riċerka diretta)					
<input type="checkbox"/> Persunal estern (f'unità ekwivalenti għall-full-time: FTE) <sup>13</sup>					
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)					
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 04 yy <sup>14</sup>	- fil-Kwartieri Ġenerali				
	- fid-Delegazzjonijiet				
XX 01 05 02/12/22 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)					
10 01 05 02/12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					

<sup>13</sup> AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END= Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JED = Espert Żagħżugħ fid-Delegazzjonijiet.

<sup>14</sup> Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn appropriazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

<b>TOTAL</b>							
--------------	--	--	--	--	--	--	--

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DG li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DG, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DG tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompli li jridu jitwettqu:

Ufficijali u aġenti temporanji	
Persunal estern	

### *3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

X tista' tīgi ffīnanzjata bis-sħiħ fī ħdan l-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti, u l-istumenti proposti li jintużaw.

tirrikjedi reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

### *3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

X ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

tipprevedi kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet f'EUR

### **3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

- X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - fuq ir-riżorsi propri
  - fuq dħul ieħor
  - jekk jogħġgbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa X EUR

Għad-dħul assenjat, speċifika il-linjal/linji baġitarja/baġitarji tan-nefqa affettwata/affettwati.

N/A

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kalunkwe informazzjoni oħra).